NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

Mejju - Ġunju 2005 Nru 144

## *MESSAĠĠ MILLL-ARĊIPRIET MONS ĠUŻEPPI FARRUĠIA*

Insellem lilkom, il-qarrejja ta' din ir-rivista, u, permezz tagħkom, lill-familji, lill-benefatturi, il-ħbieb u lill-parruċċani kollha ta' San Ġorġ.

Insellem ukoll, waqt li qed insellem lilkom, lill-Missier Imqaddes ġdid tagħna, il-Papa Benedittu XVI, li wara l-mewt tal-qaddej t'Alla Ġwanni Pawlu II, Alla nnifsu għażlu bħala s-suċċessur ta' l-appostlu Pietru. Permezz tal-komunjoni tagħna ma' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, nassigurawh it-talb u kull appoġġ u ubbedjenza fil-ħidma tiegħu għas-servizz ta' Ġesù, u tal-Knisja.

### NITOLBU GĦAL FESTA QADDISA

Diġà ċċelebrajna t-tielet Ħamis ta' San Ġorġ u dan ifisser li l-festa l-kbira hija magħna. F' dawn id-disa' ġimgħat ta' qabilha għandna nitolbu sabiex, bl-għajnuna ta' Alla, jirnexxielna nħarsu l-karattru Kristjan tal-festa ta' San Ġorġ, karattru li huwa mhedded minn influss dejjem akbar ta' elementi sekulari u ta' indifferenza għall-Fidi. J' Alla jirnexxielna flimkien inħarsu dak li hu tajjeb fil-festa tagħna, nikkoregħu dak li dan l-aħħar ma baqax isir tant tajjeb u nagħtu l-prijorità, li s'issa ipprovajna dejjem nagħtu lil dak li hu l-aktar importanti.

### TIFKIRIET LI JIXIRQILHOM JITFAKKRU

Kif diġà semmejt f'ħarġa reċenti tal-Bullettin tal-Ħadd, is-sena li qegħdin fiha hija sena ta' tifkiriet sinjifikattivi għall-Parroċċa ta' San Ġorġ, u tabilħaqq għal Għawdex kollu.

Dawn jinkludu l-500 sena mill-ħatra ta' Dun Anġlu Mannara bħala kappillan ta' dik li, kif jgħidulna l-istoriċi, fi żmienu kienet tabilħaqq il-parroċċa ta' Għawdex, u l-450 sena mill-ħelsien tal-kappillan Dun Lawrenz de Apapis mill-iskjavitù f'Kostantinopli Misilma. M'għandna qatt ninsew li dan is-saċerdot kien benefattur ta' l-Għawdxin kollha.

Anniversarju ieħor huwa dak tal-250 sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ li l-Għawdxin kollha kienu stinkaw biex jibnu flok dik ta' qabilha, akbar u isbaħ minnha, bejn l-1672 u l-1678. San Ġorġ hija l-knisja li wara li nbniet saret il-mudell tal-knejjes parrokkjali l-oħrajn kollha ta' Għawdex.

Din is-sena taħbat ukoll il-200 waħda mill-mewt tal-kappillan eroj ta' l-Għawdxin, Dun Saver Cassar, li, bħala arċipriet tal-kolleġġjata tal-kastell, kien jeżerċità l-kura ta' l-erwieħ tal-parroċċa tar-Rabat bħala kappillan ta' San Ġorġ. L-Arċipriet Cassar kien il-kap-kmandant ta' l-Għawdxin fid-difiża ta' ġżirithom.

Tifkira ta' ċerta rilevanza storika hija dik tat-talba li l-kleru ta' San Ġorġ kien għamel Ruma sabiex fil-parroċċa tar-Rabat jitwaqqaf kulleġġ ta' kanoniċi Lateranensi, liema talba, 100 sena ilu, ġiet formalment miċħuda minn Ruma. It-talba kellha l-appoġġ sħiħ ta' l-Isqof Giovanni M Camilleri, benefattur ieħor kbir ta' San Ġorġ. Saret realta ftit 75 sena wara bl-intervent ta' l-isqof Nikol Ġużeppi Cauchi li, b'ġieħ lil San Ġorġ, ried li hu u s-suċċessuri tiegħu jkunu d-dekan u l-ewwel dinjità, tal-kolleġġata Ġorġjana.

*ikompli f'paġna 3 ...*



# IL-BELT VICTORIA

Rivista ta' kull Xahrejn



Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


### Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

14.04.05: **GABOR**,
iben Marco Farrugia u Angela nee' Micallef
16.04.05: **ALESSANDRO**,
iben Lawrence Mizzi u M'Stella nee' Grech Scicluna

### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

30.04.05: **Lilian Zammit** u **Govren J. Caruana**
07.05.05: **Rowena Grech** u **George Formosa**
21.05.05: **Karen Borg** u **Charlie Azzopardi**

### Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat

18.04.05: **Antonia Grech**
13.05.05: **Maria Scerri**
21.05.05: **Toni Caruana**

### DONAZZJONIJIET

Mr. Ignazio Saliba (Canada): Lm5


**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**

Triq Fortunato Mizzi, Victoria

*Għal kull xorta ta' Kotba Reliġjuzi*

Tel: 21560496, 21560497


## LOURDES 2005

Pellegrinaġġ Ieħor organiżżat mill-Parroċċa

**Tluq:** Il-Ġimgħa 29 ta' Lulju 2005
**Lura:** Il-Ħamis 4 t'Awissu 2005
**Inżuru wkoll:** Bartres, Pont D'Espagne, Luchon u Val D'Aran (Spanja)
**Booking:** Fl-Uffiċċju Parrokkjali jew Mons Salv Borg

FULL UP

# Editorjal

## BENEDETTU XVI

Wara l-mewt tal-mibki Papa Ġwanni Pawlu II saret l-għażla ta' Papa ieħor li ħa l-isem ta' Benedettu XVI. Il-Papa ta' qablu bl-istess isem, Benedettu XV mexxa l-Knisja bejn it-3 ta' Settembru 1914 u t-22 ta' Jannar 1922. Kienu żżminijiert ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija. Żminijiet diffiċli. Il-Papa l-ġdid ukoll għandu quddiemu żminijiet diffiċli, pero' żgur li l-għerf tiegħu jwasslal biex il-Knisja tkompli l-mixja tagħha fost l-umanita' kollha. Benedettu XVI huwa meqjus bħala l-iktar teologu rispettat u diskuss. Ma jistax jonqos għalhekk li matul il-Pontifikat tiegħu jkollna sensiela ta' sorpriżi fi ħdan il-Knisja li jkomplu jsaħħu l-missjoni tagħha mogħtija mis-Sinjur tagħna Ġesu' Kristu.

## INĦEJJU GĦALL-FESTA

Din il-ħarġa tar-rivista tagħna qed tasal f'idejkom meta ġa bdejna t-tħejjija spiritwali permezz tal-Ħamisijiet ta' San Ġorġ, biex fit-Tilet Ħadd ta' Lulju niċċelebraw kif jixraq il-festa tiegħu. Din it-tħejjiha hija meħtieġa jekk verament irridu li l-festa f'Lulju tiswielna ta' ġid. Huwa tajjeb li jsiru tħejjijiet oħra partikolari, imma huwa ferm meħtieġ li l-Komunita' Parrokkjali tagħna tkun imħejjija wkoll spiritwalment.

Il-Ħamisijiet ta' tħejjija għandu jkattru fina lkoll l-imħabba lejn il-Patrun tagħna. Nafu li fil-ħajja ta' illum mhux kulħadd ikun possibbli għalih li jattendi l-quddiesa bl-omelija li ssir fil-għaxija matul dawn il-Ħamisijiet. Imma l-ġurnata hija twila u l-Bażilika tagħna tkun bil-biebien miftuħa għal siegħat twal. Jekk mhux possibbli nkunu preżenti għal dik il-Quddiesa speċjail tal-Ħamisijiet, żgur li f'xi ħin tal-ġurnata nistgħu nsibu ħin biex nżuru u nitolbu lil San Ġorġ l-għajnuna tiegħu, li qatt ma naqset u li dejjem sawwab fuqna mis-sema.

Iżda barra l-preparazzjoni spiritwali, li hija l-iktar importanti, hemm ukoll il-preparazzjoni li tkun qed tagħmel il-Banda La Stella li f'idejha huma fdati l-festi esterni. Dawn il-preparamenti wkoll jitolbu sagrifiċċju biex jimexxu. U għalhekk ma jistax jonqos li minn din ir-rivista, filwaqt li nroddu ħajr lis-Soċjeta' La Stella għall-impenn tagħha, inħeġġukom biex tkun ġenerużi fl-għotjiet tagħkom b'risq il-festi esterni. Pero', barra minn hekk, min jista' jkun ta' għajnuna fil-ħidma li ssir biex jiżżejnu triqatna għal din il-Festa tant popolari m'għandux joqgħod lura.

## - L-Ewwel Tqarbina u Griżma ta' l-Isqof 2005 -



**Is-Subien li rċevew l-Ewwel Tqarbina nhar il-Ħadd 17 t'April 2005**
Attard Dorian,Attard Emanuel, Attard Galea Jacob, Attard Grech Jakob, Bonnici Anthony, Bugeja Piere, Camilleri Francis James, Camilleri Rudolph, Camilleri George, Cassar Stefan, Cassar George, Cutajar George, Cutajar David John, Ellis Mark, Farrgia Mark, Galea Matthew, Gauci Marlon, Grech Andrew, Mercieca Jurgen, Mercieca Christian, Mifsud Matthew, Mizzi Gian Luca, Portelli Mark, Portelli George Franklin, Portelli Nicholas, Spiteri Jorgen, Spiteri Owen, Sultana George, Xerri Anthony.



**Il-Bniet li rċevew l-Ewwel Tqarbina nhar il-Ħadd 17 t'April 2005**
Attard Krista, Borg Ema Marie, Bugeja Daniela, Camilleri Michela, Cauchi Cherie, Debrincat Kimberly, Debrincat Maria, Gambin Rosemarie, Grech Lauren, Grima Annabelle, Monpalao Kylie Jo, Portelli Angelica, Scicluna Ester, Sillato Francesca, Sultana Nathlin, Theuma Dorianne.



**Is-Subien li rċevew il-Griżma ta' l-Isqof nhar il-Ħadd 24 t'April 2005**
Attard Andrew, Azzopardi Franklin Paul, Bajada Jason, Borg Andrew, Borg John, Borg Matthew, Brignoli Angelo, Cauana Michael, Cassar Marlon, Cassar Raygorg, Echert Andreas, Farrugia Kevin, Formosa Nicholas, Galea William, Genuis Keith, Grech Nicholas, Grech Joseph Louis, Grima Paul, Mercieca Daren, Portelli Andrew, Portelli Gorgi, Spiteri Charles Michael, Said Luke, Spiteri Vince, Vella Garith, Vella Keith, Xuereb Alan.



**Il-Bniet li rċevew il-Griżma ta' l-Isqof nhar il-Ħadd 24 t'April 2005**
Aguis Ilaria, Attard Rebecca Marie, Attard Rebecca, Azzopardi Chantell, Bezzina Katya, Borg Loredana, Buhagiar Johanna, Buttigieg Daniela, Calleja Jantess, Camilleri Maria Chiara, Caruana Melissa, Casha Maria, Fenech Roberta, Formosa Tresha, Galea Rebecca, Lupi Spencer Graziella, Mercieca Denise. Mizzi Katia, Mizzi Roberta, Muscat Janette, Portelli Rachel, Said Debbie, Scicluna Bianca, Sultana Abigail Ann, Tabone Georgine, Theuma Simone, Vella Maureen, Vella Yana, Vella Samantha, Zammit Roberta.

*... jaqbad mill-ewwel paġna*

Mhux ta' min jinjora li ninsabu f'għeluq it-80 sena mill-miġja tal-qniepen ta' San Ġorġ, qniepen li kulħadd jaqbel kemm l-armonija tagħhom tħoll il-qalb u l-ħoss aristokratiku tagħhom iżejjen il-belt Victoria, illum, fost tant ħsejjes profani tad-dinja moderna, wisq aktar minn qatt qabel.

Din is-sena wkoll nagħalqu il-50 sena mill-bidu tar-riforma fl-istruttura pastorali tal-Belt Victoria, riforma li nbdiet mil-mibki u venerat Isqof Ġużeppi Pace. Din ir-riforma għandha bżonn ta' spinta li tistà tingħata biss minn kollaborazzjoni akbar bejn is-saċerdoti kollha tar-Rabat li, kif inhi s-sitwazzjoni llum, huma lkoll, ftit jew wisq, rgħajja spiritwali ta' din il-belt. Hija meħtieġa wkoll il-kollaborazzjoni aktar ġeneruża u organika tal-lajċi ffurmati tajjeb.

**MELA, FESTI ĊENTINARJI OĦRA!**
M'aħniex se nagħmlu festi ċentinarji oħra! Festi kbar kellna biżżejjed u għamilnihom għax kienu ċertament jixirqu tifkira marbuta mal-persuna nfisha ta' San Ġorġ. Dawk kienu festi kważi obbligati. Imma ma jistax ikun li nibqgħu sejrin bil-festi ċentinarji u bil-ħela ta' enerġija li jinvolvu.

Wara kollox, għall-parroċċa ta' San Ġorġ, bl-istorja ultra-millenarja tagħha, it-tifkiriet ċentinarji huma ħaġa ordinarja. It-tifkiriet li semmejna, apparti dik tal-konsagrazzjoni, huma pjuttost ta' natura storika. Għandna nfakkruhom mhux b'festi partikolari imma bi studju aktar approfondit ta' l-istorja u b'tentattiv dejjem aktar impenjat għal tiġdid spiritwali fl-għarfien ta' l-identità li tagħtina l-istorja tal-Fidi tagħna. U nispiċċa b'nota li nħossha mportanti.

Ir-rilevanza storika tal-parroċċi tar-Rabat, jew ta' ġrajjiethom, għandha tkun konfinata għad-dibattitu storiku u m'għandha qatt tkun lok għal firdiet soċħjali. Wieħed jistà ma jaqbilx ma, ieħor dwar dati u merti ta' knisja jew oħra, imma m'għandna qatt inħallu lil ċerti kittieba ta' l-istorja, xi drabi anki anti-klerikali, jinfluwenzaw ir-relazzjonijet bejn l-Insara, il-ħajja trankwilla ma' xulxin u l-kollaborazzjoni bejniethom. Kulħadd jiftaħar b'rixu (jew bir-rix li jemmen li għandu) u, bla ma neżigħu minn xulxin li ninnegaw l-istorja u l-merti kif narawhom, għandna mmorru lil hemm mill-imgħoddi u naħdmu għall-ġejjieni Nisrani tagħna.

Insellem mill-ġdid lilkom ilkoll li qed taqraw dawn il-kelmtejn u nistedinkom minn issa għal festi li, bħal fl-imgħoddi, ikunu xierqa u denji ta' San Ġorġ, Patrun ta' din il-belt u Protettur tal-poplu ta, dil-gżira.

# IS-SENA TA' L-EWKARISTIJA



***Ittra Apostolika MANE NOBISCUM DOMINE tal-Q.T. Il-Papa Ġwanni Pawlu II lill-Episkopat, lill-Kleru u l-Fidili għas-Sena ta' l-Ewkaristija***

*L-Introduzzjoni dehret fil-ħarġa ta' Jannar-Frar 2005. Illum qed jidhru siltiet ta' siwi għall-qarrejja meħuda minn diversi partijiet ta' din l-Ittra Apotolika.*

## Mis-Sena tar-Rużarju sas-Sena ta' l-Ewkaristija

Proprju fil-qalba tas-Sena tar-Rużarju jiena ppromulgajt l-Ittra Enċiklika *Ecclesia de Eucharistia*, li permezz tagħha jiena ridt nuri il-misteru ta' l-Ewkaristija fir-rapport tagħha li ma jista' jinħall qatt kif ukoll ir-rapport vitali mal-Knisja. Jiena sejjaħt lil kulħadd sabiex jiċċelebra s-Sagrifiċċju ewkaristiku b'dak l-impenn li huwa jimmerita, filwaqt li jagħti lil Ġesu' preżenti fl-Ewkaristija, anke 'il barra mill-Quddiesa, il-kult ta' adorazzjoni, filwaqt li wrejt bħala mudell lil Marija bħala "il-mara ewkaristika"

Is-Sena ta' l-Ewkaristija ġiet imqegħda *bħala sfond li għadda minn sena għall-oħra jistagħna dejjem iżjed*, minkejja li baqgħet inkardinata sewwa fuq is-suġġett ta' Kristu u tal-kontemplazzjoni tal-Wiċċ tiegħu. F'ċertu sens, hija tqiegħed lilha nfisha bħala sena ta' sintesi, għamla ta' *quċċata tal-mixja kollha li tkun imxiet*. Jistgħu jingħadu ħafna affarijiet biex ngħixu sewwa din is-Sena. Jiena nillimta ruħi biex nuri ċerti prospettivi li jistgħu jgħinu lil kulħadd sabiex jersaq lejn atteġġjamenti mdawwla u li jagħtu l-frott.

~ ~ ~ ~ ~

Ma hemm l-ebda dubju li d-dimensjoni l-iżjed evidenti ta' l-Ewkaristija hija dik ta' ikla. L-Ewkaristija twieldet nhar Ħamis ix-Xirka filgħaxija, fil-kuntest ta' l-ikla tal-Għid. Għalhekk hija ġġorr miktub fl-istruttura tagħha s-sens ta' konvivjalita' : "Ħudu u kulu ...... Imbagħad ħa l-kalċi u ...... tahulhom, filwaqt li qal: Ixorbu minnu lkoll ....." (Mt 26, 26-27) Dan l-aspett jesprimi r-rapport ta' komunjoni li Alla jrid jistabilixxi magħna u li aħna stess għandna niżviluppaw lil xulxin.

Iżda ma nistgħux ninsew li l-ikla ewkaristika għandha ukoll sens profondament u primarjament sagrifikali. Fih Kristu jippreżentalna *s-sagrifiċċju mwettaq darba għal dejjem fuq il-Golgotha*. Għalkemm huwa preżenti fih bħala rxuxtat, Hu jġorr is-sinjali tal-passjoni tiegħu, li tagħha kull Quddiesa hija "memorjal", bħalma tfakkarna l-Liturġija permezz ta' l-akklamazzjoni wara l-konsagrazzjoni: "Inħabbru l-mewt tiegħek Mulej, inxandru bil-ferħ il-Qawmien tiegħek, ....". Fl-istess ħin, filwaqt li jkun qed jiġi attwalizzat il-passat, l-Ewkaristija titfagħna *'il quddiem lejn il-ġejjieni ta' l-aħħar miġja ta' Kristu*, fit-tmiem ta' l-istorja. Dan l-aspett "eskatoloġiku" jagħti lis-Sagrament ewkaristiku dinamiżmu konvolġenti, li jxerred fuq il-mixja tan-nisrani l-pass tat-tama.



~ ~ ~ ~ ~

Jeħtieġ, b'mod partikulari, li jiġi kkultivata kemm fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa kif ukoll fil-kult ewkaristiku 'il barra mill-Quddiesa, *l-għarfien ħaj tal-preżenza reali ta' Kristu,* filwaqt li tingħata attenzjoni li tiġi murija kemm bit-ton tal-leħen, bil-ġesti, bil-movimenti, u bil-ġabra flimkien ta' imġieba. F'dan ir-rigward, in-normi jfakkru - u jiena stess dan l-aħħar kelli ċans li nerġa' nisħaq dwarhom - l-importanza li għandha tiġi mogħtija lill-mumenti ta' skiet kemm fiċ-ċelebrazzjoni kif ukoll fl-adorazzjoni ewkaristika. F'kelma waħda, huwa meħtieġ li l-mod kollu li bih għandha tiġi trattata l-Ewkaristija minn naħa tal-ministri u tal-fidili għandha tiġi murija bl-ikbar rispett. Il-preżenza ta' Ġesu' fit-tabernaklu għandha tkun bħala punt ta' attrazzjoni għal numru dejjem akbar ta' erwieħ msaħħrin warajh, kapaċi li joqgħodu fit-tul jisimgħu l-leħen u kważi kważi jħossu it-taħbit tal-qalb tiegħu. "Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej!" (Sal 33 [34])

~ ~ ~ ~ ~

Jekk l-Ewkaristija hija għajn ta' l-unita' ekkleżjali, hija ukoll *manifestazzjoni* mill-aqwa. L-Ewkaristija *hija epifanija ta' komunjoni*. Huwa minħabba f'hekk li l-Knisja tqiegħed ċerti kundizzjonijiet sabiex wieħed

ikun jista' jieħu sehem b'mod sħiħ fiċ-Ċelebrazzjoni ewkaristika. Il-limitazzjonijiet differenti jwassluna sabiex niksbu għarfien akbar ta' *kemm hija eżiġenti l-komunjoni li Ġesù jitlob*. Hija komunjoni *ġerarkika*, mibnija fuq l-għarfien tad-diversi rwoli u ministeri, imsemmiha ukoll kontinwament fit-talba ewkaristika permezz ta' dawk il-waqtiet li fihom jissemma' l-Papa u l-Isqof djoċesan. Hija komunjoni *fraterna* kultivata permezz ta' "spiritwalita' ta' komunjoni" li twassalna għal sentimenti ta' ftuħ reċiproku ta' affett, ta' komprensjoni u ta' maħfra.

~ ~ ~ ~ ~

Iż-żewġ dixxipli ta' Emmaws, wara li għarfu lill-Mulej, "qamu dak il-ħin stess" (Lq 24, 33), sabiex jwasslu lill-oħrajn dak li kienu għadhom kif raw u semgħu. Meta tkun saret esperjenza vera ta' l-Irxuxtat, imsaħħin bil-ġisem u bid-demm tiegħu, ma jistax ikun li jżommu għalihom dak il-ferħ li jkunu għadhom kemm ġarrbu. Il-laqgħa ma' Kristu, kontinwament mniżżla fl-intimita' ewkaristika, tqanqal fil-Knisja u f'kull nisrani *l-urġenza li jixhdu u jevanġelizżaw*. Dan tkellimt b'ċerta enfasi fl-Omelija li fiha jiena ħabbart is-Sena ta' l-Ewkaristija, meta għamilt referenza għall-kelmiet ta' Pawlu: "Kull darba li tieklu minn dan il-ħobż u tixorbu minn dan il-kalċi, intom tħabbru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi" (1 Kor 11, 26). L-Appostlu jqiegħed f'relazzjoni stretta bejniethom l-ikla u l-aħbar: li tidħol f'komunjoni ma' Kristu fit-tifkira tal-Għid, ifisser, u fl-istess ħin, għandu jiġi sperimentat id-dmir li jagħmlu lilhom infushom missjunarji tal-ġrajja li dak ir-rit jagħmel attwali. It-tislima ta' l-aħħar fit-tmiem kull Quddiesa tikkostitwixxi konsenja, li tħeġġeġ lin-nisrani għall-impenn b'risq it-tixrid tal-Vanġelu u l-animazzjoni nisranija tas-soċjetà.

~ ~ ~ ~ ~

Hemm punt ieħor, li dwaru xtaqt niġbed l-attenzjoni, peress li fuqu tintlagħab, b'mod sinifikattiv, l-awtentiċita' tas-sehem tagħna fl-Ewkaristija, ċelebrata bħala komunita': Hija dak l-impuls li l-Ewkaristija *tagħti lill-komunità għal impenn prattiku għall-bini ta' soċjeta' iżjed ġusta u fraterna*. Fl-Ewkaristija, Alla tagħna wera bid-dieher il-forma estrema ta' l-imħabba, billi qaleb ta' taħt fuq il-kriterji kollha tas-setgħat li ta' spiss imexxu r-rapporti umani u fl-istess ħin huwa jafferma b'mod radikali, il-kriterju tal-qadi: "Jekk xi ħadd irid ikun l-ewwel wieħed, għandu joqgħod wara kulħadd u jkun il-qaddej ta' kulħadd" (Mk 9, 35). Mhux ta' b'xejn, li fil-Vanġelu ta' Ġwanni ma nsibux ir-rakkont tat-twaqqif ewkaristiku, iżda għandna r-rakkont tal-"ħasil tar-riġlejn" (cfr Ġw 13, 1-20): filwaqt li tbaxxa quddiemhom sabiex jaħsel riġlejn id-dixxipli tiegħu, Ġesu' fisser b'mod inekwivokabbli s-sens ta' l-Ewkaristija. Minn naħa tiegħu, San Pawl saħaq bis-saħħa kollha, li mhix leċita ċelebrazzjoni ewkaristika li fiha ma tiddix il-karita' espressa minn kondiviżjoni konkreta mal-foqra (cfr 1 Kor 11, 17-22. 27-34)

Mela, għaliex ma nagħmlux minn din is-Sena ta' l-Ewkaristija żmien li fih il-komunita' djoċesana u parrokkjali jimpenjaw ruħhom li jfittxu li jiltaqgħu b'ħidma fraterna ma' xi wieħed mill-faqar tad-dinja tagħna ? Qed naħseb dwar id-dramm tal-ġuħ li qed jitturmenta mijiet ta' miljuni ta' bnedmin, naħseb dwar il-mard li qed jifni lill-Pajjiżi li qed jiżviluppaw, dwar is-solitudni ta' l-anzjani, dwar it-tbatija ta' bnedmin bla xogħol, dwar il-ġlidiet li jkollhom iwettqu l-immigranti. Dawn huma affarijiet ħżiena li jinsabu, anke jekk b'modi differenti, f'pajjiżi mgħarrqa fil-ġid. Ma nistgħux ninganaw lilna nfusna: mill-imħabba tagħna lejn xulxin, u b'mod partikulari mill-ħeġġa kbira lejn dawk kollha li huma fil-bżonn, nintagħrfu bħala dixxipli veri ta' Kristu (cfr Ġw 13, 35; Mt 25, 31-46). Dan huwa l-kriterju li permezz tiegħu tiġi ppruvata l-awtentiċita' taċ-ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi tagħna.

~ ~ ~ ~ ~

F'idejkom, għeżież *Ħuti fl-Episkopat*, jiena nafda din is-Sena, ċert li intom ilkoll tilqgħu l-istedina li qed issirilkom, bil-ħeġġa appostolika tagħkom.

Lilkom *saċerdoti*, li ta' kuljum tirrepetu l-kelmiet tal-konsagrazzjoni u intom xhieda u ħabbara tal-miraklu kbir ta' imħabba li jseħħ fl-idejn tagħkom, ħallu lilkom infuskom tiġu mistoqsijin mill-grazzja ta' din is-Sena speċjali, filwaqt li tiċċelebraw ta' kull jum il-Quddiesa bil-ferħ u l-ħeġġa ta' l-ewwel darba u tieqfu bil-qalb fit-talb quddiem it-Tabernaklu.

Għandha tkun ukoll Sena ta' grazzja għalikom *id-djakni*, li tinsabu mdaħħla mill-qrib fil-ministeru tal-Kelma u fis-servizz ta' l-Artal. Anke intom, *letturi, akkoliti, ministri straordinarji tat-tqarbin*, ħalli jkollkom kuxjenza ħajja tad-don li qed jiġi mogħti lilkom bil-ħidmiet li qed jiġu afdati f'idejkom fid-dawl ta' ċelebrazzjoni denja ta' l-Ewkaristija.

B'mod partikulari, indur fuqkom, saċerdoti futuri: fil-ħajja tas-Seminarju; qisu li tippruvaw tagħmlu esperjenza ta' kemm hi ħaġa tajba mhux biss li wieħed jieħu sehem ta' kull jum fil-Quddiesa, iżda li tqattgħu xi ħin f'djalogu ma' Ġesù Ewkaristija.

*Lilkom, erwieħ ikkonsagrati, kemm nisa kif ukoll irġiel*, imsejħin mill-istess konsagrazzjoni għall-kontemplazzjoni itwal, ftakru li Ġesù fit-Tabernaklu qed jistenniekom qrib tiegħu, sabiex jimla' l-qalb tagħkom b'dik l-esperjenza intima tal-ħbiberija li weħidha kapaċi tagħti sens u milja lill-ħajja tagħkom.

Lilkom ilkoll, *fidili*, qisu li tiskopru mill-ġdid id-don ta' l-Ewkaristija bħala dawl u qawwa għall-ħajja tagħkom ta' kuljum fid-dinja, fit-twettiq tal-professjonijiet rispettivi tagħkom u f'kuntatt mad-diversi sitwazzjonijiet li tiltaqgħu magħhom. Fuq kollox, qisu li tiskopru mill-ġdid dan kollu sabiex jirnexxielkom tgħixu l-milja tal-ġmiel u l-missjoni tal-*familja*. ●

# 50 SENA MAL-BANDA ĊITTADINA LA STELLA




*Il-Banda Cittadina La Stella Fakkret il-Festa Liturġika ta' San Ġorġ Martri b'marċ brijuż li sar nhar is-Sibt 23 ta' April. Minn Pjazza San Ġorġ sal-kazin tal-banda fi triq ir-Reppublika. fil-Marċ inġarret l-istatwa ta' San Ġorġ rebbieħ (1984). L-ewwel statwa li nġabet Għawdex għall-festi ta' barra, kapulavur ta' Vincenzo Cremona. Fi Tmiem il-marċ il-president tas-soċjetà, Dolindo Cassar, kixef ritratt kbir ta' San Ġorġ li tqiegħed f'post prominenti fil-foyer tal-każin. Dak in-nhar ukoll il-banda ħadet ritratt ta' tifkira fis-sala Ġiuseppe Ġiardini Vella*

L-Assistant-Surmast tal-Banda La Stella, Mro. Sunny Galea, għadu kif għalaq 50 sena assoċjat ma din il-banda ewlenija tal-gżira Għawdxija. Bħala rikonoxximent tas-servizz siewi li ta lill-Banda tul dawn il-50 sena, is-Sur Dolindo Cassar, President tas-Soċjeta', ippreżenta lil Mro. Galea rigal, waqt l-ikla tradizzjonali li s-Soċjeta' torganiżża f'dan iż-żmien tas-sena.



Ta' min jgħid li Mro. Galea wera abilita' straordinarja bħala klarinettista sa mill-bidu tal-karriera tiegħu u effettivament serva lill-Banda La Stella bħala solist għal snin twal. Huwa kiteb għadd ta' kompożizzjonijiet għall-banda, innijiet reliħjużi, marċI funebri u marċi tal-festa, fosthom il-marċ popolari li baqa' jindaqq tal-kull sena fil-Festa ta' San Ġorġ, "Forza Ġorġjani".

F'diskors qasir li għamel qabel il-preżentazzjoni tar-rigal, is-Sur Cassar irringrazzja lil Mro. Galea għall-kontribut li minn dejjem ta lill-Banda. Huwa qal li Mro. Galea jibqa' imfakkar għal-lejalta' u l-eżemplarita' tiegħu, minbarra għall-kapaċita' straordinarja li kellu fuq l-istrumnent. Fl-assenza tas-Surmast Direttur, huwa kemm-il darba dderieġa l-banda b'kapaċita' liema bħala. Minkejja l-ħsieb tiegħu li, minħabba saħħtu, ma jibqax daqstant attiv mal-Banda, is-Sur Cassar qal li huwa konvint li l-imħabba u l-għożża li huwa sa minn dejjem kellu lejn is-Soċjeta', iħalluħ xorta waħda marbut u dedikat mal-Banda.

F'kelmtejn li għamel, Mr. Sunny Galea iżżiħajr lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor tawh is-sapport tagħhom tul karriera daqstant twila li għaddha mal-Banda La Stella. Huwa kellu kliem ta' ringrazzjament partikolari għas-Surmast Direttur, Prof. Joseph Vella, kif ukoll għall-bandisti sħabu u l-membri tal-Kumitat.

# Kunċert mill-Aljievi tal-*Banda La Stella*



Parti mis-sezzjoni tal-qasba fi ħdan is-Soċjeta Filarmonika La Stella hija ffurmata minn tmien żgħażagħ li l-eta' tagħhom tvarja minn għaxar snin sa sbatax-il sena. Dawn iż-żgħażagħ għal darba oħra ppreżentaw kunċert ta' mużika 'jazz' nhar il-Ġimgħa 15 ta' April 2005. Iż-żgħażagħ, li għal darba oħra daqqew kollha ndividwalment bħala solisti, kienu akkumpanjati fuq il-pjanu minn Dr. Maria Frendo. L-aljievi kollha ġew imħarrġa mis-Sur George Apap, klarinettista mal-Banda La Stella u student universitarju. It-tagħlim ta' dawn l-aljieni kien mgħejjun ukoll mis-Sur Noel Beck, wieħed mill-aħjar klarinisti li nsibu fil-gżejjer Maltin. Is-Sur Apap u s-Sur Beck huma responsabbli mit-tagħlim tas-sezzjoni tal-qasba fi ħdan il-Banda La Stella. L-aljieni li ħadu sehem kienu Calvin Camilleri, George Said, Christopher Portelli, Matthew Borg, James Grima, Francis Borg, George Aguis u Silvio Cini. Dan kien il-ħames kunċert li tellgħu flimkien dawn l-aljievi. L-udjenza għal dan il-kunċert, li nżamm fis-Sala Mons G. Farrugia fil-Bażilika ta' San Ġorġ, kien inkoraġġanti ħafna.

**ĠITA MAL-BANDA CITTADINA LA STELLA, F' BORMLA, IS-SIBT 25 TA' ĠUNJU 2005. OKKAŻJONI SPEĊJALI F' JUM IL-FESTI LI JFAKKRU GĦELUQ IL-100 SENA MILL-INKURUNAZZJONI TAL-KWADRU TA' L-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI. BILJETTI M'GĦAND IL-MEMBRI TAL-KUMITATJEW MIL-BAR TAL-KAŻIN LA STELLA**

# ROKNA GĦAT-TFAL

Kif intom! Nispera li tinsabu tajbin.

Il-Papa Giovanni Pawlu II, kif tafu, ħalliena nhar is-Sibt 2 t'April fil-għaxija. Kien Papa maħbub minn kulħadd, kif deher mill-messaġġi minn kull parti tad-dinja li waslu fil-Vatikan. Niftakru wkoll li kien l-ewwel Papa li ġie fostna, u mhux darba, imma dabtejn. Fl-ewwel viżita tiegħu żar ukoll lil Għawdex, u fit-tieni viżita tiegħu ddikkjara Beati tliet Maltin, Dun Ġorġ Preca, Nazju Falzon u Adeodata Pisani. Issa, għandna Papa ġdid, il-Papa Benedettu XVI.

Mela! Għaddew u tgerrbu l-festi tal-Għid u ċċelebrajna il-festa ta' San Ġorġ, dan il-Patrun li aħna tant inħobbu. Bla dubju, it-tifkira ta' dawn il-ġranet mill-ewwel iġġegħilna nħarsu lejn it-Tielet Ġimgħa ta' Lulju meta mbagħad kif inhu xieraq, lil dan it-Tribun u gwerrier nagħmlulu festa mill-aqwa, festa li ma jsirux ħafna bħala fil-gżejjer Maltin.

Bla dubju, sa ma jasal Lulju, intom fadlilkom ħafna x'taqdfu. Quddiemkom għandkom l-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena. Għalhekk inħeġġiġkom biex ma titilfux żmien bla bżonn biex ma tbatux il-konsegwenzi wara. L-Ingliżi jgħidu "First things first"! U intom għandkom tkunu għaqlin biżżejjed biex ma tqegħdux il-karettun qabel iż-żiemel.

Ħafna minnkom ukoll, f'dawn il-jiem, qed iġarrbu l-esperjenza sabiħa ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof. Dawn huma żewġ sagramenti li għankom tgħożżuhom u tibżgħu għalihom u tqegħduhom fil-prattika.

Issa bdew il-jiem sbieħ tar-Rebbiegħa u tieħu gost iddur mal-kampanja u tara dawk it-twapet ħodor tal-ħaxix u fjuri sbieħ ma kullimkien. U jekk dawn huma sbieħ, mela kemm hu sabiħ, mela kemm u isbaħ u aqwa dak li ħalaqhom! Ilkoll kemm aħna għandna nħossuna fid-dmir li nibżgħu għall-ambjent ta' madwarna, għax dan jagħti dehra isbaħ lil pajjiżna.

Ħalli issa ngħaddu għall-kompetizzjoni li bħas-soltu tista' trebbaħkom ktieb sabiħ bil-Malti, ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin (2155 1325-79551325) u li jitla' bix-xorti fost dawk li jwieġbu tajjeb.

Il-mistoqsijiet huma dawn:

1. Meta miet il-Papa Giovanni Pawlu II?
2. Fejn miet il-Papa: fl-isptar jew fil-Vatikan?
3. X'kien jismu l-Papa li dam biss 33 ġurnata?
4. Minn liema pajjiż kien il-Papa Giovanni Pawlu II?
5. Kemm-il darba ġie Malta l-Papa Giovanni Pawlu II?
6. X'jismu l-Papa l-ġdid?

Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom sa nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2005 lill-Editur, Il-Belt Victoria, Centru Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria.

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni li dehret fil-ħarġa ta' Jannar-Frar 2005 huwa: Ray George Cassar, ta' Kenn Ġorġjan, 42, Triq l-Assunta, Victoria.

---

B'dedika lil Nenu Scerri

## *"In-Nelli"*

Kien beda jbexbex sew, bdiet tgħib id-dalma
li ħafnet fiha lejla tar-Rebbiegħa,
hekk kif mal-Belt Victoria l-aħbar xterdet
li tat-tluq tiegħek waslet f'daqqa s-siegħa!

Ħallejtna, Karm, nistaqsu lkoll miblugħa
kif seħħet bla stennija din il-ġrajja;
staqsejna lil xulxin jekk kinitx ħolma
li ratek fl-aħjar żmien ittemm il-ħajja.

Jien naħlef, anqas int ma taf it-temma,
li f'ħakka t'għajn, bla sliem, infridt minn magħna;
u minn għajnejna d-dmugħ ħaddejna ħasel
li fisser dak il-waqt in-niket tagħna.

Martek, uliedek w ommok b'qalb maqsuma
bkew magħna w iżjed minna għax dawk tiegħek,
u għal ħin wieħed jolfqu u jixegħru
aktarx li xtaqu w talbu jiġu miegħek.

Issa kollox intemm! Issa rraħħamlek
biex bħal f'did-dinja hemm fuq tiġbed ritratt
tal-kbir Martri San Ġorġ, t'għajnejna l-mimmi
l'għalih l-imħabba tagħna ma tmut qatt!

Iddumx ma tibgħatuli, Karm, ħa nagħraf
minn huwa tabilħaqq il-maħbub tiegħi:
sabiex ġo qalbi jkun u fiha jgħammar,
sabiex kull fejn immur, inġorru miegħi!

*Kan. Joe Mejlak*
28 ta' Marzu 2005

# Ġimgħa Kommemorattiva f'ġieħ
# Mary Maylak

*minn* Carm C. Cachia.





Din is-sena ħabat għeluq l-ewwel ċentinarju mit-twelid ta' Mary Meylak, l-ewwel poetessa Maltija. Jinzerta wkoll it-30 anniversarju mill-mewt tagħha. Mary Meylak twieldet fil-Belt Victoria nhar id-9 t'Awissu 1905. Hi rċeviet l-ewwel edukazzjoni tagħha fl-Iskola Primarja tar-Rabat u wara f'dik Sekondarja t'Għawdex. Kien f'dawn is-snin bikrin li Mary Meylek tħabbet mal-poeżija. Fl-1925 hi saret għalliema tal-Malti mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Dan kien żmien meta l-Malti ma kienx il-lingwa uffiċjail tal-pajjiż, anzi kien meqjus bħala l-lingwa tal-kċina billi kien il-lingwa tal-klassi l-baxxa. Meylak kellha tiġġieled kontra din il-mentalita' kemm permezz tat-tagħlim tagħha u kemm bix-xogħlijiet letterarji tagħha. Il-karriera edukattiva tagħha ntemmet fl-1962, meta Meylak irtirat mis-servizz.



Bħala poetessa Meylak hi meqjusa bħala kittieba romantika-tradizzjonali. Fix-xogħlijiet tagħha hi tħalli l-immaġinazzjoni tiġri biha sabiex hekk toħloq repertorju vast ta' poemi u poeżiji mill-iktar ħelwin. Il-versi sempliċi, imma fl-istess ħin melodjużi, tagħha saru tant popolari li ħafna kienu dawk li tgħallmuhom bl-amment. Meylaq kienet tikteb dwar kull ma tara b'għajnejha, imma l-aktar dwar affarijiet komuni li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Infatti, hawn ta' min jgħid li l-karriera letterarja tagħha bdiet mal-kitba tal-poeżija Faxx Nemel li hi ppubblikat fl-1930. Il-parti l-kbira tal-poeżiji tagħha jinsabu ppublikati f'sitt antoloġiji, fosthom Pleġġ il-Hena, Villa Meylak u Songs You Will Like. Barra mill-poeżiji, Meylak għandha wkoll xogħlijiet letterarji oħra. Hi kitebet esejs, novelli u anke rumanzi li hi ppublikat fil-paġna letterarja tal-gazzetta Il-Berqa. Meylak mietet fl-1 ta' Jannar 1973.

Il-Kumitat Kulturali t'Għawdex (fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex), flimkien ma' l-Iskola Sir Arturo Mercieca u l-Gozo Public Library, ikkommemora lil din il-persuna letterarja b'numru ta' attivitajiet li se saru matul il-ġimgħa bejn it-18 u t-22 ta' April 2005. Dawn l-attivitajiet kienu jinkludu wirja tax-xogħlijiet tagħha fil-Banca Giuratale, fi Pjazza Indipendenza, ir-Rabat, u l-kxif ta' bust tal-poetessa fi Pjazza San Ġorġ mill-E.T. Dr. Edward Fenech Adami, President ta' Malta, ftit passi bogħod minn fejn kienet toqgħod. Eżatt qabel din iċ-ċerimonja kommemorattiva saret Quddiesa għal ruħ Mary Meylak fil-Bażilika ta' San Ġorġ, it-tempju t'Alla li hi tant kienet tħobb. Mary Meylak tfakkret ukoll waqt attivita' ta' Jum il-Ktieb li saret fil-Librerija Pubblika fi triq Vajringa.

